MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-12 ta' Awwissu, 2003

Rikors Numru. 150/2002/1

**Fl-Atti tal-Mandat ta’ Qbid Numru 242/02 fl-ismijiet :**

**Peter BUSUTTIL**

**vs**

**PUBLIC BROADCASTING SERVICES LIMITED**

## Il-Qorti:

Rat ir-Rikors imressaq mill-kumpannija Public Broadcasting Services Limited ('il quddiem imsejħa "P.B.S.") fit-8 ta' Frar, 2002, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija talbet lil din il-Qorti tħassar il-Mandat ta' Qbid kawtelatorju maħruġ kontriha fuq talba tal-intimat eżekutant fil-5 ta' Frar, 2002;

Rat id-dokument mehmuż mal-imsemmi Rikors;

Rat id-Degriet tagħha tat-12 ta' Frar, 2002, li bih qegħdet ir-Rikors għas-smigħ għas-26 ta' Frar, 2002, u tat żmien lill-intimat eżekutant sabiex iressaq tweġiba għat-talba tal-kumpannija rikorrenti;

Rat it-Tweġiba mressqa fil-25 ta' Frar, 2002, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-intimat eżekutant Peter Busuttil tenna li minbarra li din il-Qorti m'għandhiex tqis it-talba tal-P.B.S. minħabba nuqqas ta' ħarsien tal-proċedura minnha meħuda, lanqas m'huma mistħoqqa r-raġunijiet imsemmijin minnha biex il-Mandat maħruġ fuq talba tiegħu jitneħħa;

Rat in-Nota mressqa mill-kumpannija rikorrenti waqt is-smigħ tas-26 ta' Frar, 2002, flimkien mad-dokument mehmuż magħha;

Rat il-verbal tas-smigħ tas-26 ta' Frar, 2002, partikolarment id-dikjarazzjonijiet magħmula bi qbil mill-avukati tal-partijiet;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-rikors u tal-Mandat ta' Qbid li għalih jirreferi;

## *Ikkunsidrat:*

Illi din hija azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Mit-talbiet li għandha quddiemha l-Qorti, il-kumpannija qegħda għal raġunijiet separati tipprova tneħħi minn fuqha, għal kollox, l-effetti ta' Mandat ta' Qbid kawtelatorju li Peter Busuttil ħareġ kontiha fil-5 ta' Frar, 2002[1], biex jagħmel tajjeb għal "somma dovuta ... għall-produzzjoni fuq inkarigu u a benefiċċju tad-debitur ta' tmien programmi tat-televiżjoni bit-titolu *Jazz Box* liema pretenzjoni ġiet dedotta permezz ta' ċitazzjoni preżentata kontestwalment mill-kreditur". Il-kreditu msemmi fil-Mandat huwa ta' sitt elef erba' mija u erbgħin lira Maltija (Lm6,440). Il-Mandat inħareġ dak inhar stess li tressaq, b'Degriet mogħti fil-5 ta' Frar, 2002, u ġie eżegwit fil-21 ta' Frar, 2002 fuq oġġetti li kienu jinsabu fil-*Conference Room* tas-sedi tal-kumpannija rikorrenti f'numru 75, Triq San Luqa, Gwardamanġia. Kopja tar-riferta tal-esekuzzjoni tħalliet ma' Andrew Psaila, f'isem il-P.B.S., l-intimata eżekutata;

Illi jirriżulta li l-kawża għall-pretensjoni msemmija fil-Mandat inbdiet mill-intimat eżekutanti kontra l-kumpannija rikorrenti P.B.S. b'Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-5 ta' Frar, 2002, jiġifieri dak inhar stess li nħareġ il-Mandat in kwestjoni. Minbarra

[1] Qbid Nru. 242/02NS

dak il-Mandat, l-intimat ħareġ ukoll Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju[2] dak inhar ukoll;

Illi l-kumpannija rikorrenti eżekutata tqis li l-imsemmi Mandat ta' Qbid m'għandux jibqa' fis-seħħ għar-raġuni li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-Mandat m'għadhiex fil-fatt teżisti[3]; li l-ammont mitlub m'huwiex *prima facie* mistħoqq jew huwa eċċessiv[4] u wkoll għaliex fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ il-Mandat jew parti minnu jew li m'huwiex iżjed mistħoqq jew meħtieġ li jinżamm fis-seħħ[5]. Hija ssejjes dawn il-kawżali fuq l-argument li b'kitba tad-29 ta' Lulju, 1999[6], l-intimat kien irrinunzja għal kull pretensjoni ta' ħlas mingħand P.B.S. dwar il-programmi msemmija fil-Mandat;

Illi, għat-talbiet tal-kumpannija rikorrenti, l-intimat eżekutant jilqa' billi jgħid li l-ebda waħda mir-raġunijiet li għalihom intalab it-tħassir tal-Mandat m'għandha mis-sewwa;

Illi, kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet[7]. Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li m'huwiex meħtieġ li tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet u li llum il-ġurnata jagħmlu parti minn kawża li għadha qegħda tinstama' minn din il-Qorti[8];

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis l-aspetti ta' dritt li jsawru l-każ u li, kif ingħad qabel, ir-rikorrenti P.B.S. qegħda tibnihom fuq kawżali speċifiċi msemmija mil-liġi. Qabel xejn, għandu

---

[2] Sek. Nru. 243/02
[3] Art 836(1)(b) tal-Kap 12
[4] Art. 836(1)(d) tal-Kap 12
[5] Art. 836(1)(f) tal-Kap 12
[6] Dok "A", f'paġ. 2 tal-atti
[7] Ara P.A. RCP **7.2.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co. Ltd***
[8] Ċitazz. Nru. 137/02TM imħollija għall-provi tal-attur għas-17.10.2003

jingħad li dak li l-Qorti trid tasal għalih f'din il-proċedura m'għandu bl-ebda mod jitqies li jkun qiegħed isir xi ġudizzju fil-mertu dwaru. L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat ikunu jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv[9];

A) Il-kawżali li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-Mandat m'għadhiex teżisti (Art. 836(1)(b)). Il-P.B.S. ma fissritx liema hi dik il-ħtieġa li trid il-liġi fil-Mandat maħruġ kontriha mill-intimat li ma baqgħetx teżisti minn mindu nħareġ il-Mandat sakemm inbdew dawn il-proċeduri. Lanqas jista' jkun li l-P.B.S. kienet qegħda tqiegħed din il-kawżali taħt l-argument tagħha li l-intimat kien irrinunzja għal kull pretensjoni kontra tagħha bil-kitba ta' Lulju tal-1999. Dan jingħad għaliex, fl-ewwel lok, argument bħal dan jolqot il-mertu tal-kwestjoni (aspett li din il-Qorti, f'dan l-istadju tal-proċediment, ma tista' bl-ebda mod tistħarrġu) u, fit-tieni lok, għaliex dik il-kitba ma saritx fiż-żmien wara li kien inħareġ il-Mandat, imma qabel. Għall-kuntrarju, kif jgħid l-intimat fit-Tweġiba tiegħu, dak li wasslu biex jitlob il-ħruġ tal-Mandat kien il-jedd tiegħu li jippretendi l-ħlas u li, sakemm il-jedd tiegħu jiġi determinat minn qorti ladarba l-P.B.S. qegħda tikkonterstah, jqiegħed fiż-żgur dak il-jedd bil-ħruġ ta' att kawtelatorju[10]. Il-ħtiġiet li l-liġi proċedurali titlob sabiex persuna tista' toħroġ Mandat kawtelatorju huma li (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareġ il-mandat; (b) li ssir kawża li fiha tiġi mistħarrġa sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt, (ċ) li l-Mandat irid ikun iħares ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ tiegħu u (d) li tali Mandat jinħareġ u jiġi esegwit taħt ir-responsabbilta' tal-persuna li tkun talbitu;

Illi minn dak li għandha quddiemha l-Qorti f'dawn l-atti, jidher li l-intimat tassew għandu pretensjoni ta' dritt (għalkemm kontestat għall-aħħar mir-rikorrenti P.B.S.), li l-Mandat inħareġ biex iħares tali pretensjoni, u li l-intimat, taħt ir-

[9] Kumm GMA **23.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Ħili et vs Dr. Joselle Farruġia noe et*** (mhix pubblikata)
[10] Art. 829 tal-Kap 12

responsabbilta' tiegħu ħareġ l-imsemmi Mandat u ressaq kawża fil-mertu dwar tali pretensjoni. Dan kollu jiżdied mal-prinċipji aċċettati li huwa jedd ta' kull persuna li tressaq pretensjoni ta' jedd li hija tgħid li hija ġiet imċaħħda minnu b'azzjoni xierqa quddiem Qorti kompetenti; li min jeżerċita jedd li jispetta lilu ma jitqiesx responsabbili għall-ħsara li jġarrab ħaddieħor b'konsegwenza ta' eżerċizzju bħal dak; li l-jedd taċ-ċittadin li jersaq lejn il-Qrati m'għandux jiġi abbużat; li l-fatt li t-talba ta' min ipprovoka l-proċeduri quddiem Qorti tiġi mwarrba ma jfissirx li sar abbuż tad-dritt li wieħed jersaq lejn il-Qorti[11];

Illi, għalhekk, il-Qorti ma tarax li l-kumpannija rikorrenti seħħilha turiha raġuni tajba għaliex il-Mandat għandu jitħassar taħt din il-kawżali;

B) Il-kawżali li l-ammont mitlub m'huwiex *prima facie* ġustifikat jew hu eċċessiv (Art. 836(1)(d)). Il-kumpannija rikorrenti ma tat l-ebda ħjiel kif qegħda tasal għall-fehma li l-ammont fil-Mandat m'hux ġustifikat jew inkella kif jirriżulta li huwa eċċessiv. Il-Qorti tifhem li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li r-rikorrent eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni (dak li f'oqsma oħra ta' dritt jissejjaħ il-"*fumus juris*" tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti[12];

[11] Ara P.A. JSP **10.1.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Camilleri***
[12] Ara P.A. RCP **29.11.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Vincent Merċieca vs George Galea***

Illi biex ammont imsemmi f'att kawtelatorju jitqies li huwa eċċessiv, jeħtieġ li jintwera li dan ikun eżaġerat fid-dawl tat-talba li ssir[13] jew ikun tant grossolan li ma jistax ma jidhirx mad-daqqa t'għajn bħala wieħed magħmul b'mod ażżardat;

Illi minn dak li rriżulta lil din il-Qorti f'dawn l-atti, ma joħroġ xejn li bih jista' jingħad li, mad-daqqa t'għajn, dak li ntalab mill-intimat jew issemma bħala l-ammont tal-kreditu minnu pretiż kien eċċessiv jew mhux ġustifikat fil-waqt li ntgħamlet it-talba għall-ħruġ tal-Mandat. Lanqas ma jista' jingħad li l-ammont imsemmi fil-Mandat huwa miftum mill-pretensjoni kif dedotta mill-istess intimat fil-kawża li hu fetaħ kontra l-P.B.S. kontestwalment;

Illi għal din ir-raġuni wkoll il-Qorti ma ssibx li t-talba tal-kumpannija rikorrenti fuq din il-kawżali hija msejsa kif imiss;

Ċ) Jintwera li fiċ-ċirkostanzi m'huwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli (Art. 836(1)(f)). Dwar din il-kawżali, ingħad li din id-dispożizzjoni timplika li, **wara l-ħruġ tal-Mandat,** tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ[14];

Illi biżżejjed jingħad li jekk, 'il quddiem, il-Qorti li ser tqis il-kwestjoni fil-mertu tasal għall-fehma li l-intimat eżekutanti ma jirriżulta li jistħooqlu jirċievi l-ebda ħlas minn P.B.S., xorta waħda ma jistax jingħad li l-Mandat kien inġustifikat. Is-suċċess jew telfien ta' kwestjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nħareġ b'mod vessatorju jew fieragħ[15].

---

[13] Ara P.A. GV **6.12.1999** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Salvino Farruġia noe vs Exalco Holdings Ltd.***

[14] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et***

[15] Ara, per eżempju, P.A. RCP **30.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Yorkie Clothing Industry Limited vs Dr Lilian Calleja Cremona***

Allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwestjoni ta' jekk huwiex raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew ġustifikabbli li tali Mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn minn ċaħda tal-kawżali fil-mertu tal-intimata eżekutati;

Illi, madankollu, il-każ li għandha quddiemha l-Qorti f'dawn l-atti jippreżentaw ċirkostanza singolari li tnisslet tabilfors wara li kien inħareġ il-Mandat. Din iċ-ċirkostanza tikkonsisti fil-fatt li bis-saħħa tal-Mandat ta' Sekwestru li l-intimat ressaq flimkien mal-Mandat taħt eżami, il-kumpannija rikorrenti iddepożitat garanzija bankarja u seħħilha fil-fatt tħassar l-imsemmi Mandat ta' Sekwestru. Fit-Tweġiba tiegħu[16], l-intimat eżekutant jindika sewwasew li l-preżentata min-naħa tal-P.B.S. ta' garanzija soddisfaċenti, tikkuntentah. Dan huwa preċiżament dak li sar. Il-Qorti tifhem li l-kumpannija rikorrenti ma ressqitx talba għat-tħassir tal-Mandat fuq il-bażi tal-eżistenza ta' garanzija oħra xierqa, iżda ċ-ċirkostanza tal-preżentata tal-garanzija bankarja fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru seħħet wara li kien tressaq ir-Rikors preżenti u kienet saret it-trattazzjoni;

Illi peress li l-garanzija maħruġa fl-atti tal-Mandat li nħareġ kontestwalment ma' dan u b'ħarsien tal-istess pretensjoni jew kawżali kienet tajba biżżejjed biex twaqqa' l-Mandat l-ieħor, il-Qorti issa tifhem li l-istess japplika għall-kawżali u l-eżistenza tal-Mandat preżenti. Għalhekk, issib li nħolqot ċirkostanza li minħabba fiha m'huwiex raġonevoli li l-Mandat ta' Qbid jinżamm iżjed fis-seħħ, għaliex il-pretensjoni tal-intimat eżekutant hija issa mħarsa kif jixraq mod ieħor;

---

16 Ara Par 3.5 f'paġ. 12 tal-atti

Illi, fuq dawn il-mottivi, il-Qorti qegħda għalhekk issib li r-rikorrenti għandha raġuni tajba biex titlob it-tħassir il-Mandat in kwestjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrenti eżekutata P.B.S. Limited billi:

**Tilqa' t-talba** tagħha, u qegħda tħassar il-Mandat ta' Qbid kawtelatorju numru 242/02 maħruġ fil-5 ta' Frar, 2002, fl-ismijiet "*Peter Busuttil vs Public Broadcasting Services Limited*", u dan b'effett mil-lum u għar-raġuni li m'għadux raġonevoli fiċ-ċirkostanzi li tali Mandat jinżamm fis-seħħ; u

**Tordna li l-ispejjeż** ta' dawn l-atti jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------